MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 383/2003

**Jacqueline Borg**

**vs**

**Joseph Borg**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fid-29 ta' Mejju 1982, mill-liema zwieg huma ghandhom zewgt itfal, Clayton ta' ghoxrin (20) sena u Leann ta' tlettax-il (13) sena.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi, ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici datata 20 ta' Mejju 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess u iehor ta' Saviour Farrugia.

Rat in-nota tal-konvenut datata 20 ta' Mejju 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat li l-konvenut minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza baqa' ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat li l-kawza giet appuntata ghall-21 ta' Ottubru 2003, u wara rikors da parti tal-attrici datat 17 ta' Lulju 2003 fejn talbet li l-kawza tigi differita ghas-sentenza *stante* li l-

provi jinsabu maghluqa, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-21 ta' Ottubru 2003, u dan wara li l-Qorti kkonstat li in verita' z-zewg partijiet ipprezentaw l-affidavits rispettivi taghhom u l-attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Jacqueline Borg** permezz tal-affidavit sostniet illi:-

*"Jiena u r-ragel tieghi Joseph iltqajna f'Settembru tal-1980. Jiena kelli (17) sbatax-il sena u hu kellu (18) tmintax-il sena. Malli bdejna ninnamraw jiena mill-ewwel bdejt inhoss li kien hemm differenza kbira bejnietna kemm f'dak li jirrigwarda l-karattru kif ukoll l-'up-bringing' taghna. Joseph kien gej minn familja li ma kellha ebda skola. Huwa stess fil-fatt jaf jikteb ismu u kunjomu biss. Jiena da parti tieghi kont diga' spiccajt l-iskola u kont bdejt nahdem bhala 'salesgirl'.*

*Ahna kien ikollna hafna argumenti peress illi Joseph kien bniedem li ma joqghodx minghajr il-hbieb. Kemm-il darba jiena ridt nitilqu izda huwa kien jghidli li ma setax jghix minghajri u li kieku tlaqtu kien ser jaqbez. Jiena kont dejjem nithassru u nerga' naqa' ghalih bit-tama illi huwa kien ser jinbidel.*

*Wara xi sena u nofs li konna ilna nohorgu flimkien jiena hrigt tqila bit-tifel li llum ghandu ghoxrin (20) sena. Jiena da parti tieghi ma kellix alternattiva ohra hlief li nizzewweg lil Joseph peress illi tal-familja tieghi kienu haduha bi kbira hafna u missieri sahansitra ma riedx izommni d-dar tqila. Missieri kien jibza' li jiena kont ser inkun ta' ezempju hazin lil hija z-zghir li kellu xi (14) erbatax-il sena. Il-udituri tieghu kienu kontra z-zwieg taghna u fil-fatt Joseph stess*

*erba' gimghat qabel it-tieg kien qalli li ma kienx ser jizzewwigni.*

*L-ghada jiena kont ergajt kellimt lil Joseph u ghidtlu hi din it-tarbija ma setghetx tibqa' minghajr missier u li jiena ma stajtx nispicca barra.*

*Jiena u Joseph izzewwigna fid-29 ta' Mejju 1982. Ommu kienet zammitna fid-dar taghhom f'kamra zghira ghal erba' xhur sakemm sibna nikru post. Jiena kont bqajt nahdem sakemm kelli erba' xhur tqala. Ommu minn dejjem kienet izzomm mieghu u sahansitra darba kienu ghalquni barra u kelli nqatta' hin twil barra fil-kundizzjoni li kont, ta' mara tqila.*

*Mill-bidunett taz-zwieg taghna Joseph qatt ma ghabba r-responsabbilta' ta' ragel mizzewweg jew ta' missier. Huwa kien jahdem xoghol ta' bil-lejl u wara x-xoghol kien jibqa' hiereg u jdum sas-saghtejn jew it-tlieta ta' fil-ghodu. Meta jiena kont nistaqsih fejn kien, huwa kien jirrispondini li ma kienx affari tieghi.*

*Wara li twieled it-tifel Clayton, kont sirt naf illi Joseph kien qed isegwi tifla ta' (14) erbatax-il sena u jmur hdejn l-iskola taghha biex jittantaha. Din it-tifla stess, li kien jisimha Judith, kienet ammettiet dan kollu quddiem l-Avukat Dr. Frank Cassar. Joseph kien semplicement qallu li dan l-'affair' kien biss biex jiccajta. Jiena da parti tieghi kont iddecidejt li nahfirlu sabiex insalvaw iz-zwieg taghna u ma nkissirx il-familja, biss ridtu illi jsib 'job' peress illi kien ilu dizokkupat (7) seba' xhur. Jiena f'dan il-perjodu kont nghix billi nbiegh id-deheb li kienu tawni tal-familja bhala dota.*

*Xi ftit snin wara Joseph kellu 'affair' ma' Anouk Carbonese. Jiena u hija Francis Farrugia konna qbadnih fil-fatt jistenniha wara x-xoghol fil-karozza, fejn konna rajnih ibusha u wara telqu flimkien lejn Paceville. Jiena waqt dan kollu kelli hames xhur tqala bit-tifla Leann.*

*Wara dan l-incident jiena ma stajtx nibqa' nghix f'din is-sitwazzjoni u ghalhekk kont tlabt ghas-separazzjoni legali.*

*Wara s-separazzjoni konna ppruvajna nergghu nirrangaw l-affarijiet ta' bejnietna izda Joseph qatt ma wera ndiema jew ammetta li kien qed jaghmel xi haga hazina. Ghalkemm jiena tajtu hafna 'chances' hu qatt ma nbidel u qatt ma ried jiehu r-'role' ta' missier jew jerfa' r-responsabbiltajiet ta' ragel mizzewweg".*

Illi xehed ukoll **Saviour Farrugia** wkoll permezz tal-procedura tal-affidavit, li kkonferma:-

*"Jiena nigi missier Jacqueline Borg. Jiena niftakar illi binti kienet bdiet tohrog ma' certu wiehed Joseph Borg fl-1981. Niftakar illi biss wara ftit xhur li Jacqueline kienet bdiet tohrog ma' Joseph hija kienet qaltilna illi kienet qed tistenna tarbija minghandu. Jiena u l-mara tieghi Rose konna hadniha bi kbira hafna u jiena ma stajtx naccetta dan il-fatt. Jiena kont hassejt illi binti kienet ser tkun ta' skandlu ghat-tifel iz-zghir li dak iz-zmien kellu xi erbatax-il sena u ghalhekk ghidtilha illi ma stajtx inzommha aktar id-dar. Ghalhekk binti ma kellhiex alternattiva hlief li tizzewweg lil Joseph u ghalhekk hija zzewget wara xi erba' gimghat.*

*Wara ftit li Jacqueline u Joseph izzewgu diga' beda jinqala' l-inkwiet bejniethom. Il-mara tieghi ta' spiss kienet tghidli li Jacqueline kienet qed iccemplilha tibki ghax kienet imdejqa u kif ukoll kien qed ikollha xi problemi mal-familja ta' Joseph. Ahna da parti taghna ppruvajna nghinuha. Peress illi Joseph ma kellux lanqas sold kont jiena illi armajtilha d-dar fejn sabu jikru. Meta Joseph kien ghamel xi xhur bla xoghol jiena kont nghin lil binti billi ntiha l-flus u affarijiet ohra li hija kien ikollha bzonn.*

*Meta jiena u l-mara konna mmorru ghand Jacqueline kwazi dejjem konna nsibuha wahedha mat-tarbija. Joseph kien ihobb hafna l-kumpanija tal-hbieb u jinxtehet il-kazin ma' shabu. Nista' nghid li Jacqueline rabbiet iz-zewgt itfal li kellha wahedha l-ghaliex Joseph qatt ma kien ha r-responsabbilta' ta' missieri. Anzi t-tfal kien jarahom zejda peress illi kien jippreferi illi johrog milli joqghod id-dar jiehu hsieb it-tfal.*

*Anke meta Jacqueline jew it-tfal kienu jkunu morda konna nkunu jiena u l-mara li mmorru naraw jekk ghandhiex bzonn xi haga ghax Joseph ma kellux rispett lejhom. Joseph qatt ma apprezza dak kollu illi ahna konna naghmlu maghhom, anzi wara xahar li zzewgu kien gie fuqi u qalli "lili qatt ma tajtni xejn". Jiena da parti tieghi fakkartu f'dak kollu li tajthom, inkluz l-'appliances', l-ghamara etc. Nispjega illi jiena kont imlejtilhom id-dar b'dik l-ghamara u dawk in-necessitajiet kollha li kellhom bzonn.*

*Wara ftit binti bdiet tissuspetta illi Joseph kellu mara ohra. Fil-fatt zmien wara sirt naf li ftit xhur wara z-zwieg Joseph kien ghamel perjodu twil jittanta tfajla ta' (14) erbatax-il sena. L-affarijiet bejniethom baqghu sejrin hazin u ftit wara fil-festa ta' San Nikola fil-hamsa ta' fil-ghodu kienet cemplitli Jacqueline u qaltli li kienet qabdet lil zewgha ma' tfajla ohra. Jiena mort nghinha tippakkja hwejjeg zewgha u fl-istess hin biex jigu evitati xi ncidenti bejniethom. Jiena kont inkwetat ferm ghal binti peress li f'dan iz-zmien kienet tqila bit-tieni tarbija taghha. Ftit gimghat wara binti u Joseph isseparaw legalment".*

Min-naha tieghu l-konvenut **Joseph Borg** sostna permezz tal-affidavit tieghu illi:-

*"Jiena ltqajt ma' Jacqueline Farrugia meta kelli xi sbatax-il sena (17). Ta' zghazagh li konna bdejna ninnamraw. Ghalkemm jiena kont nohrog regolarment ma' Jackie, xorta wahda bqajt niltaqa' u nohrog ma' shabi.*

*Wara xi sena li konna ilna niffrekwentaw lil xulxin Jackie harget tqila. Din l-ahbar ma konniex qed nistennewha peress li ahna qatt ma tkellimna dwar il-futur taghna. Dak iz-zmien ma kellniex flus u l-ahhar haga li riedna kien li nissettiijaw fil-hajja.*

*Niftakar pero' li l-familja ta' Jackie kienu qalulha car u tond li ma kienux ser izzomuha maghhom ladarba kienet tqila. Da parti taghhom il-genituri tieghi ma ridunix nizzewweg peress li ghalihom jiena kont ghadni zghir biex niehu dan*

*il-pass. Pero' minhabba s-sitwazzjoni fid-dar ta' Jackie l-unika alternattiva li kien fadlilna kienet li nizzewgu. Fi zmien ftit gimghat minn meta sirna nafu li Jackie tqila, izzewwigna. Ma konniex ghamilna cerimonja u mill-ewwel morna nghixu flimkien mal-genituri tieghi.*

*Wara ftit xhur krejna post u morna nghixu fih. Ghalkemm jiena sibt ruhi mizzewweg b'tarbija gejja, jien xorta wahda bqajt b'mentalita' ta' guvni. Bqajt nohrog ma' shabi regolarment. Jiena u Jackie konna ta' spiss niggieldu peress li hija ppretendiet li jiena ghandi noqghod il-hin kollu d-dar maghha. Jien kelli biss tmintax-il sena u ridt ingawdi hajti minkejja dak li gara. Niftakar li wara li zzewwigt kont nahdem xoghol ta' bil-lejl u wara x-xoghol kont immur niehu 'drink' ma' shabi biex nirrilassa. Meta kont nirritorna d-dar, Jackie kienet mill-ewwel tibda bl-argumenti u tippretendini nghidilha kull pass li nkun ghamilt.*

*Jiena minkejja z-zwieg bqajt mohh ir-rih. Marti ppretendiet li jiena kelli nisserja u nahseb biss fil-futur taghna u tat-tfal. Da parti tieghi ma hassejtnix lest li nsakkar hajti ghal marti u ghat-tfal. Jiena kelli bosta hbieb, tfajliet u guvintur, u minn dejjem bqajt nippreferi li nqatta' hini maghhom milli ma' marti. Ghalkemm lil Jackie nirrispettaha, hija kienet taghmilli hajti nfern bil-glied u bis-sikkatura.*

*Kien ghalhekk li ahna sseparajna u ergajna lura flimkien diversi drabi. Pero' xi erba' snin ilu ma flahniex izjed u hi telqet ghal rasha, filwaqt li jien qbadt triq ohra".*

**(ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-attrici tissottometti li z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*"**(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha*

*mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo-Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.*, "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is*

*important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.*, **op.cit., *pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali* (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibbilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar *"anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*. *Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia' Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju 1995 ).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta'

parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ. Kif jispjega l-ġurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif ġja' ngħad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju d-dottrina u l-ġurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* **(*Pompedda, M.F.*, "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif ġie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluż fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirriżulta li, *"fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew oħra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oġġett tal-kunsens taż-żwieġ, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost għal għażla libera dwar l-imsemmi oġġett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, għalhekk, ma hux sempliċement nuqqas ta' ħsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li*

*wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (**"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996).

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni irid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La*

*maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* **(*Bersini, F.*, "Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per*

*qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio”* (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta’ ghazla facli, u dan kif gja’ gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*“… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un’ affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell’ altra parte sia nei riguardi della prole”* (***Pompedda, M.F.***, **“Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento.”** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f’ dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta’ anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *“di intendere e/o di volere”. “L’ incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale”,* jghid il-***Bersini***, *“rende la persona inabile al matrimonio, anche nell’ ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia*

*avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso”* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *“the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”* (***Viladrich, P.J***., op. cit., p. 687).

Illi ta’ l-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“Anna Galea vs John Walsh”,** (P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”.*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed “sui generis” u ta’ ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-*

*partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

***art. 19 (1) (f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta'*

*xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja' Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi fl-ahharnett l-attrici tirreferi ghall**-artikolu 19 (1) (g)** jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of*

*the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghal avveniment fil-futur.

**(iii)** **<u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti, kemm min-naha tal-attrici u kemm min-naha tal-konvenut, li pprezenta l-affidavit tieghu ghalkemm baqa' kontumaci, jirrizulta li dak li wassal lill-istess partijiet ghal dan iz-zwieg ma kenitx certament l-imhabba li huma kienu jhossu ghal xulxin, izda c-cirkostanzi li sabu ruhhom il-partijiet, tant li mill-provi prodotti jirrizulta li l-unika raguni ghaliex l-istess partijiet qablu li jidhlu f'dan iz-zwieg kien biss ghaliex l-attrici harget tqila mir-relazzjoni taghha mal-konvenut u missier l-attrici heddidha li jitfa' lil bintu l-barra jekk hija ma tizzewwigx lill-persuna li kienet missier it-tarbija. Fil-fatt il-konvenut ghall-ewwel ma ried jizzewweg lill-attrici b'xejn, izda meta ra r-reazzjoni ta' missier l-attrici, u li hija anke minhabba l-agir tieghu kienet ser tispicca barra mid-dar tal-genituri taghha, u ma kellha mkien fejn tmur, huwa accetta li jizzewwigha.

Illi jidher li dan iz-zwieg sar ukoll minghajr ebda preparamenti ta' xejn tant li l-istess kontendenti lanqas kellhom fejn joqoghdu, u dan jikkonferma kemm l-istess zwieg gie celebrat malajr, u fil-fatt l-istess partijiet marru joqoghdu mal-genituri tal-konvenut. Dan anke ghaliex il-genituri tal-attrici ma riedux li l-istess attrici tibqa' toqghod maghhom. F'dan il-kuntest hemm ix-xhieda wkoll ta' Saviour Farrugia, missier l-attrici li qal bla tlaqliq li huwa ma setghax jaccetta l-fatt li l-attrici kienet harget tqila minghajr ma kienet mizzewga u qallha car u tond li hija setghatx aktar toqghod go daru. Fil-fatt l-attrici zzewget lill-konvenut biss erba' gimghat wara li l-partijiet saru jafu bil-kundizzjoni tal-attrici.

Illi minn dan kollu jidher li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg biss ghaliex ma kellhiex triq ohra, u l-fatt li hija ftit li xejn kienet taqbel mal-konvenut, kif il-konvenut jammetti huwa stess, ftit kien ta' mportanza ghaliha, ghaliex l-unika konsiderazzjoni taghha kienet li tfittex sabiex ikollha min jiehu hsiebha u jerfa' r-responsabbiltajiet tat-trobbija tat-tarbija maghha. F'dan kienet influwenzata mill-fatt li missierha assulutament ma rieda bl-ebda mod id-dar u ghalhekk hija kellha tfittex alternattiva u dan sabitha f'dan iz-zwieg mal-konvenut, li in verita' hija dahlet ghalih anke peress li ma kellhiex xelta libera ta' dak li kienet riedet taghmel. Illi fih innifsu u r-raguni ghaliex l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg juri sens ta' mmaturita' tali li jista' jinghad li l-istess attrici ma kellhiex id-deskrizzjoni necessarja sabiex tidhol fi zwieg validu *stante* li hija dahlet ghal dan iz-zwieg, ghaliex hassitha li hekk kellha taghmel minhabba l-istess tqala taghha. F'dan il-kaz mhux hekk biss, izda kienet iddisprata sabiex taghmel dak li qallha missierha, u certament tenut kont tac-cirkostanzi li sabet ruhha fihom l-attrici jidher li bil-paniku li qabadha ma kellhiex il-fakolta' necessarja sabiex tifhem u taghzel ghal dak li kienet diehla.

Illi dan kollu huwa ben differenti minn dak l-awtur ***Bernard A. Siegle***, fil-ktieb tieghu **"Marriage According to the New Code of Canon Law"** jghid li jrid ikun il-kunsens tal-partijiet fiz-zwieg, fejn dawn ghandhom u jridu joffru lil xulxin:-

*"a) the right to a community of life;*

*b) the possibility of living this community of life;*

*c) the right to the conjugal act;*

*d) the other essential properties of marriage – unity, fidelity and indissolubility"*

Illi ***Siegle*** jkompli jghid illi wiehed mill-elementi tal-kunsens hu l-maturita' li skond l-awturi rotali u gurisprudenza rotali tinkludi:-

*"a) an affective maturity that enables them to grasp the deep meaning of the conjugal covenant and to give it permanent value.*

*b) a discernment of judgement proportionate to the importance of the pact being concluded;*

*c) an internal free choice of will without coercive impulsions;*

*d) a freeness of character or personality that is capable of effective decision making.*

*e) a normal sexuality".*

Illi dan kollu jidher li kien mankanti fil-kaz tal-attrici u l-istess jista' jinghad ghall-konvenut, ghaliex dan izzewweg lill-attrici biss minhabba l-istess tqala u ghaliex fl-ahhar mill-ahhar ma setghax jahsel idejh minnha peress li huwa kien missier it-tarbija, u ma hassx li seta' li jhalli lill-attrici taqdef ghal rihha. Fil-fatt mix-xhieda tal-konvenut stess huwa ammess li ftit kellu hajra ghaz-zwieg u baqa' jghix il-hajja tieghu ta' guvni anke wara l-istess zwieg, u kien jkollu kuntatt kontinwu mal-hbieb tieghu, li kienu jinkludu kemm irgiel u nisa', u jidher li qatt ma assuma r-responsabbiltajiet tieghu kemm ta' missier u kemm ta' ragel tal-familja, tant li r-relazzjoni tal-partijiet f'dan is-suppost zwieg kienet wahda ta' konflitt kontinwu, u din il-Qorti hija perplessa kif abbazi ta' dak kollu rakkontat mill-partijiet huma damu dan iz-zmien kollu flimkien, *stante* li l-element ta' mhabba, rispett, xewqa ta' hajja konjugali, kien nieqes ghal kollox miz-zewg partijiet u dan jekk xejn huwa rifless bl-aktar mod car mill-komportament tal-konvenut matul iz-zwieg kollu, li bla misthija, jew sens ta' rimors huwa dan jammettih kategorikament fl-affidavit tieghu minnu pprezentat fl-atti ta' din il-kawza u fuq rapportat.

Illi l-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li dan l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null skond id-dispozizzjonijiet tal-

**artiklu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Illi abbazi tal-provi fuq prodotti jirrizulta wkoll li l-konvenut ghalkemm accetta li jizzewweg lill-attrici ghar-ragunijiet fuq indikati, kien deciz li jibqa' jghix il-hajja ta' guvni anke wara z-zwieg u dan *nonostante* l-fatt li kien qed jistenna t-twelid ta' tarbija. Baqa' johrog ma' shabu regolarment u ma setghax jaccetta l-fatt li ta' (20) ghoxrin sena huwa kellu jiddedika hajtu ma' persuna wahda. Fil-fatt bl-aktar mod kategoriku ammetta li huwa qatt ma kien lest li jiddedika hajtu ghall-istess martu u ghal uliedu, u kien jippreferi iqatta' l-hin tieghu mal-hbieb, irgiel u nisa milli mal-mara tieghu, li kien jara biss bhala mezz ta' restrizzjoni u jasar.

Illi dan huwa wkoll kkonfermat mill-provi tal-attrici li sostniet li hija dejjem jew kwazi dejjem kienet tithalla wahedha d-dar mal-istess tarbija, u wara x-xoghol tieghu l-istess konvenut kien konsistentement johrog ma' hbiebu minghajr ma jaghti lanqas sodisfazzjon lil martu fejn kien. Din ma kenitx okkazjoni ta' darba, ghaliex skond missier l-attrici jirrizulta li huwa qal li t-trobbija ta' wlied il-kontendenti saret mill-attrici wahedha anke ghaliex l-istess konvenut qatt ma assuma r-rwol ta' missier bis-serjeta'. Fil-fatt jidher li l-konvenut *'true to his word'* li jghix ta' guvni kellu relazzjonijiet fiz-zwieg ma' nisa ohra, u dawn l-atti konsistenti mill-konvenut jikkonfermaw li huwa eskluda *a priori* elementi essenzjali taz-zwieg mill-kunsens tieghu, b'dan ghalhekk li l-kunsens tal-konvenut kien ukoll ivvizzjat skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut tad-29 ta' Mejju 1982 huwa null u bla effett

skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

L-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------